**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Mark Randon**

**Kumpilazzjoni Numru: 967/2010**

**Illum, 9 ta' Mejju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Randon detentur tal-karta tal-identita` numru 232969M.

Akkuzat talli:

1. Talli fi Frar 2010 u x-xhur ta' wara, f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta' A. von Brockdorff Services Ltd. ta' Airways House, High Street, Sliema, ta' Hugh Von Brockdorff (K.I. nru. 624356M) u ta' Matthew Randon (K.I. nru. 35787M);

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, xjentement għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali datati 23 ta' April 2012, li bihom haseb li ghandha tinstab htija tal-imputat taht dawn l-Artikoli:

(a) Fl-Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(c) Fl-Artikoli 17 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fil-mori tal-proceduri l-imputa gja` hallas lill-parte civile parti kbira mis-somma dovuta ghad fadallu biss ta' hames mija u tmienja u tletin Ewro u sitta u sittin centezmu (€538.66); u

Rat l-ammissjoni tal-imputat li biha ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex jahsibha rega' ikkonferma tali ammissjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 183, 308, 309 u 310(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Mark Randon hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal hmistax-il (15) xahar prigunerija sospizi ghal tletin (30) xahar (sentejn u nofs) filwaqt li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ihallas is-somma ta' hames mija u

tmienja u tletin Ewro u sitta u sittin centezmu (€538.66) lill-parte civile fi zmien sitt xhur mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**